# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-14 ta' Dicembru, 2017.**

**Rikors Numru 513/2016 SM**

**Alfred Mizzi & Sons (Marketing) Limited**
**(C – 8692)**

**vs.**

1. **2A Co Ltd (C – 44598)**
2. **Alessandro Farrugia (232775 M)**
3. **Anouschka Farrugia (566275 M)**
4. **John Mercieca (127558 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-28 ta' Gunju, 2016, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi l-intimati Mercieca u l-konjugi Farrugia, *qua* rapprezentanti u diretturi tas-socjeta` intimata, dahhlu fi ftehim mas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 5 sa 12);

1.2. Illi a bazi tal-istess ftehim is-socjeta` rikorrenti kienet tforni lill-intimati prodotti alimentari biex jinbieghu mid-diversi stabilimenti taghhom;

1.3. Illi l-imsemmija intimati Mercieca u konjugi Farrugia ntrabtu personalment *qua* garanti tal-ammonti dovuti mis-socjeta` intimata;

1.4. Illi l-intimati waqghu lura fil-pagamenti u huma ghalhekk solidalment debituri tas-socjeta` rikorrenti fis-somma bilancjali ta' tlieta u erbghin elf, disa' mija u tmienja u disghin euro u sitta u erbghin centezmu, (€43,998.46), (ara foll 13 sa 32);

1.5. Illi *nonostante* li interpellati ghall-hlas tal-prodotti lilhom ikkonsenjati, l-intimati naqqsu li jaghmlu dan u baqghu inadempjenti;

1.6. Illi ghalhekk aderew din il-qorti, u *stante* li l-ammont dovut mill-intimati hu ammont cert, likwidu u dovut, jezistu r-rekwiziti kollha rikjesti *ai termini* tal-artiklu 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh skont il-ligi, u konsegwentement, din il-qorti:

1.6.1. Tiddeciedi din il-procedura bid-dispensa tas-smigh kif fuq indikat;

1.6.2. Tikkundanna lill-intimati solidalment biex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €43,998.46 fuq ukoll indikata;

1.6.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv;

2. Rat id-digriet taghha datat l-4 ta' Lulju, 2016, li permezz tieghu appuntat l-istess procedura ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 33);

3. Rat in-nota tal-intimat Mercieca datata z-17 t'Ottubru, 2016, li permezz taghha, *stante* li kien kontumaci, gab ir-ragunijiet tieghu biex jikkontesta t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 45);

4. Rat id-digriet taghha datat il-25 t'Ottubru, 2016, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm indikati, awtorizzat lill-istess biex jipprezenta r-risposti guramentati tieghu fit-terminu hemm indikat, (ara foll 49);

5.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Mercieca datata l-11 ta' Novembru, 2016, fejn sintetikament irrisponda bil-mod segwenti:

5.1. Illi l-ftehim fuq riferiti huma nulli;

5.2. Illi l-istess ftehim ma holqu l-ebda obbligu fuq l-intimat;

5.3. Illi s-socjeta` intimata kellha tigi interpellata biex thallas u hu biss f'kaz t'ezitu negattiv, li jizviluppa l-obbligu tal-intimat;

5.4. Illi m'assumiex obbligi versu r-rikorrenti ghall-ammont kollu pretiz mis-socjeta` rikorrenti, izda *se mai*, parti minnu biss;

5.5. Illi kien irrizenja minn direttur tas-socjeta` intimata fit-22 t'April, 2016, (ara foll 52);

5.6. Illi d-debitu dovut ghandu jigi ppruvat;

5.7. Salv risposti ulterjuri;

6. Rat in-nota datata d-9 ta' Marzu, 2017, li permezz taghha s-socjeta` rikorrenti cediet l-atti kollha ta' din il-procedura fil-

konfront tal-konjugi intimati Farrugia, u zammet fermi l-pretensjonijiet taghha fil-konfront tas-socjeta` intimata u tal-intimat Mercieca solidalment ghall-bilanc ta' hmistax -il elf, tliet mija u disgha u disghin euro, (€15,399.00), (ara foll 69);

7. Rat in-nota sussegwenti tal-istess socjeta` rikorrenti datata l-11 ta' Settembru, 2017, li permezz taghha cediet l-atti ta' din il-procedura limitatament ghall-intimat Mercieca u zammet fermi l-pretensjonijiet taghha fil-konfront tas-socjeta` intimata ghall-bilanc rimanenti ta' elf tliet mija u disgha u disghin euro (€1,399.00), (ara foll 72);

8. Semghet lix-xhud prezentat *in atti*;

9. Ezaminat id-dokumenti prodotti;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi in vista tas-suespost u tal-konferma tal-ammont dovut mis-socjeta` intimata kif espressa fix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti, din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha, kif ridimenzjonat minn noti minnha pprezentati, u konsegwentement:

**DECIDE:**

10.1. Tillibera lill-intimati Allessandro u Anouschka konjugi Farrugia u John Mercieca mill-osservanza tal-gudizzju;

10.2. Tiddikjara li s-socjeta` intimata 2A Co. Ltd. hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti Alfred Mizzi & Sons (Marketing) Limited fl-ammont ta' elf tliet mija u disgha u disghin euro, (€1,399.00);

10.3. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata biex thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont minnha lilha dovut kif indikat fil-paragrafu precedenti;

10.4. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dovuti mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess socjeta` intimata.

---

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**